Minuti tal-laqgħa tnejn u tlettin (32), tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Erbgħa, 27 ta' Mejju 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija fis-Sala tal-Kommunita' liema laqgħa ġiet imxandra *live* fuq il-website tal-Kunsill.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Mercieca | Ambaxxatur Lokali |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku u bdiet b'talba.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħat 30 u 31 ġew approvati mill-Kunsill u iffirmati mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv quddiem il-preżenti.

*Mill-Minuti*

2.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fejn qal li meta s-Sur Micallef ressaq li Triq l-Isptar San Ġiljan hemm il-ħmieġ din hi responsabilita' tal-Gvern Ċentrali għad li l-Kunsill jieħu ħsieb li jibgħat l-ħaddiema tal-Kunsill inaddfu. Is-Sur Micallef qal li hu kien qal li hemm ħafna ħmieg u kif ukoll li ried li tinqata' l-*cactus*. Is-Sur Micallef qal li mela l-Kunsill seta' ma bagħat lil ħadd biex jaqta' il-*cactus*. Is-Sur Micallef qal li wara li ġiet maqtugħa l-*cactus* minn xi individwi, hu bgħat lil ħaddiema tal-gvern biex tinġabar għax kienet ta' perikolu għan-nies. Is-Sindku qal li Neville Mercieca kien ser imur jiġborha l-għada iżda billi kienet ta' perikolu fl-art u hi triq arterja, is-Sur Micallef ħa azzjoni. Is-Sur Mercieca qal li s-Sur Neville Mercieca mar biex jaqtagħa u xi ħadd minn dik it-triq ma ħalliehx jaqtagħha.

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi:



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Faži tac-Centru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 - Fax: 21562555

2.3 Intbgħatu l-avviżi lir-residenti rigward l-Għoti tad-Demm, L-impieg inklussiv ta' l-ETC u għal Kunsill taż-Żgħażagħ. Rigward l-għoti tad-demm u l-impieg inklussiv ma applika ħadd iżda għal Kunsill taż-żgħażagħ applikaw ħamsa li huma Jeremy Spiteri, Angelo Attard, Joseph Mercieca, Andre' Camilleri u Riana Gatt. Is-Sur Mercieca staqsa x'ser jiġri fuq l-għoti tad-demm u għalhekk ipproponа li mmorru ħhala Kunsilliera meta jingħaqad il-Kunsill taż-żgħażagħ. Il-membri qablu. Is-Sur Micallef informa lis-Seg. Eżekuttiv li għandha żżomm kuntatt ma' l-ambaxxatur lokali sabiex jieħu ħsieb il-Kunsill taż-Żgħażagħ u sabiex tinforma l-Aġenzija li l-Kunsill Lokali għaqqad il-Kunsill taż-Żgħażagħ.

2.4 Is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Peter Bonello rigward l-fondi li l-Kunsill għandu jiġbor mill-Green MT. Is-Sur Bonello informa lil Kunsill illi ser jiltaqa' mal-Bord tal-Green MT f'dan ir-rigward. Fil-25 ta' Mejju is-Seg. Eżekuttiv irċieviet emejl minn għand il-Green MT fejn informaw il-Kunsill li lesti li jgħatu s-somma ta' €1270 peress li dak hu l-obbligu tassativ u barra minn hekk lesti li joffru ukoll €500 għal attivita' ambjentali jekk il-Kunsill jerġa jasal fi ftehim ma l-iskema Green MT wara li jsiru l-proċeduri li hemm bżonn skond il-linji gwida tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Infurmaw ukoll lil Kunsill li l-boroż il-griżi jitqassmu ukoll regolarment jekk il-Kunsill jidħol fi ftehim ġdid ma l-iskema Green MT. Is-Sur Micallef staqsa jekk hux l-istess kuntratt li kienu proponew qabel waqt li s-Seg. Eżekuttiv infurmatu li hu l-istess wieħed. Is-Sur Mercieca qal li jaqbel imbasta li l-€500 ma jintilfux jekk ma ssirx attivita' ambjentali. Is-Sindku qal li fil-laqgħa li kellhom ma ssemmiex dan li jrid ikun hemm attivita' ambjentali iżda li qed joffru €500 mal-€1270. Kompla jgħid li l-Kunsill għandu jitolbu dan l-ammont mingħajr ebda direttiva. Is-Sur Micallef ipproponа li l-Kunsill għandu jirrispondi l-emejl tal-Green MT u jinfurmah illi lest li jiffirma l-kuntratt imbasta l-flus jingħataw mingħajr ebda' kundizzjoni u li dan skond l-ftehim li sar fil-laqgħa li s-Sur Bonello kellu mas-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv.

2.5 Rigward l-aħħar bozza li hemm imwaħħla fuq il-binja li ser tiġi mwaqqa' fi Sqaq ta' Fuq il-Lunzjata, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li b'direttiva mill-Assistent Direttur Paul Pace mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-bozza inqalgħet a spejjes tal-Kunsill.

2.6 Rigward il-korsijiet għal bdiewa sabiex iġibu l-liċenzja tal-bexx, is-Sur Charles Borg informa lil Kunsill illi għal kors sħiħ għal min għadu ma ġiebx il-liċenzja inkluż l-eżami jiswa' €40 għal kull persuna waqt għal min irid il-kors għal tiġdid tal-liċenzja nkluż l-eżami jiswa' €25 għal



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Faxi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 Fax: 21562555

S. Borg

kull persuna. Il-membri qablu li għandu jsir iżda qabel jintbgħat avviż lir-residenti ħalli jekk ikun hemm konkorenza isir.

2.7 Rigward ir-restawr tan-niċċa tal-Kunċizzjoni, s-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li s-Sur Raymond Bonnello ma jistax ikompli jaħdem fuq ir-restawr tan-niċċa peress li għandu ħafna xogħol. Għal dan il-għan is-Seg. Eżekuttiv talbet il-permess tal-membri sabiex tiġbor kwotazzjonijiet għal dan ir-restawr. Il-membri qablu li għandha tintalab stima minn għand Tarcisio Xerri, Philip Formosa u Joe Grima. Is-Sur Micallef qal li ilu madwar sena li beda' r-restawr fuq din in-niċċa u kieku jkun għaqli li titlesta' qabel il-festa. Is-Sindku qal li dan ma jistax ikun u trid issir deċiżjoni f'dan ir-rigward fl-laqgħa oħra peress li jridu jinġiebu u jinfetħu l-kwotazzjonijiet. Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jikri l-*iscaffolding* minngħand Philip Formosa li jarma l-iscaffolding minħabba l-assigurazzjoni peress li dan għandu l-liċenzja. Il-membri qablu.

2.8 Il-pagament li sar mill-Kummissjoni Elettorali għal kiri tas-Sala tal-Kommunita' minħabba r-referendum tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa ġie depożitat fil-kont bankarju tal-Kunsill.

2.9 Il-ħaddiem tal-Kunsill, is-Sur Mario Portelli aċċetta li jsaqqi x-xtieli li ġew imħawwla fil-*pots* fi Triq John Gaspard le Marchant u Triq Mikiel Buttigieg.

2.10 Inġabru l-kwotazzjonijiet għal ġita fi Sqallija kemm għal ġurnata kif ukoll għal lejl. Dawn il-kwotazzjonijiet inġabru minn għand Mario Spiteri, Virtu Ferries u Joe Micallef Travel. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat fid-dettal il-prezzijiet li nġabru. Il-Viċi-Sindku qal li l-ewwel il-Kunsill għandu jiddeċiedi hux ġita ta' ġurnata jew ta' jumejn peress li hemm differenzi fil-prezzijiet. Is-Sur Micallef propona li għandha tkun ġita ta' jumejn biex tkun differenti mis-snin preċedenti. Il-Viċi Sindku, is-Sur Farrugia u s-Sur Mercieca qablu mas-Sur Micallef. Iżda s-Sindku propona li jsiru żewġ ġiti kemm dik ta' ġurnata kif ukoll dik ta' jumejn matul is-sena peress li ta' ġurnata ilha għaxar snin tirnexxi. Is-Sur Micallef oġġezzjona għal dan peress li mhux vijabli li jsiru żewġ ġiti fl-istess żmien. Is-Sur Micallef talab li għandha ssir ġita waħda ta' jumejn. Il-Kunsilliera qablu mas-Sur Micallef minbarra s-Sindku, li qal ħaġa li qed tirnexxi ma tisfrattax u ~~għalhekk~~ kien hemm qbil li ssir ġita waħda ta' jumejn. Il-membri qablu wkoll li s-Seg. Eżekuttiv għandha tinnegozja l-prezzijiet ma l-Aġenzija u terġa tiġi diskussa waqt li t-trasport joffrih il-Kunsill.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Centru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 Fax: 21562555

2.11 Il-*floodlights* bl-LED żgħar ta' fuq iż-*zebra crossing* ta' Triq l-Kappillan Ġużeppi Hili ġew imwaħħla.

2.12 Is-Sur Neville Mercieca bgħat kwotazzjoni għal *pots* taz-zuntier kif kien propona s-Sindku fil-laqgħa preċedenti. Dawn il-*pots* il-kbar jiswew €225 il-waħda waqt li ż-żgħar jiswew €95 il-waħda. Il-Viċi Sindku qal li fil-laqgħa preċedenti kien ġie deċiż li dawn il-*pots* isiru bħal ta' fuq ir-*railing*. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi ma jeżistux *pots* kbar simili ta' dawk. Il-membri qablu li ma jintgħażlux.

2.13 Is-Sur Micallef staqsa jekk kienux ġew ordnati dawk il-*pots* tat-taraġ li minn Triq John Gaspard le Marchant jagħti għal Triq Santa Dminka. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lis-Sur Micallef li ġiet miżmuma mis-Sindku. Is-Sindku qal li għamel hekk peress li mhux ċert jekk dan it-taraġ hux pubbliku u dan għaliex hemm kamra taħt dan it-taraġ li hi ikkaparata għand xi ħadd. Jekk dan hu tal-Gvern, il-Kunsill għandu jitlob li jingħata dik il-kamra biex tiġi użata mill-ħaddiema tal-Kunsill meta jmorru inaddfu u jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni f'dawk it-toroq u jekk min qed jużaha għandu dritt għaliha iżomma. Is-Sur Micallef staqsa lis-Sindku jekk dan it-taraġ hux privat. Is-Sindku qal li bħal ma jaf is-Sur Micallef ħadd qatt ma nforma lil Kunsill li kien ħa jinbena tant hu hekk li ġie il-fuq mill-livell ta' Triq John Gaspard le Marchant. Is-Sur Micallef staqsa lis-Sindku jekk dan it-taraġ inbeniex bla permess iżda s-Sindku sostna li ma jaf xejn peress li l-Kunsill qatt ma ġie infurmat b'xejn. Is-Sur Micallef qal li sa fejn jaf hu dan it-taraġ hu pubbliku peress li kulħadd jista' jużah u kulħadd jgħaddi minnu. Is-Sindku qal li mhux ser jippermetti li l-*pots* isiru fil-privat u qal li skond l-aħħar lista li intbgħatet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dan it-taraġ mhux imniżżel kif mhux imsemmi t-taraġ ta' Triq ta' Mulejja. Is-Sur Micallef staqsa jekk dak hux privat ukoll u s-Sindku rrisponda li lanqas jaf f'dan ir-rigward u qatt ma ġie mgħoddi lil Kunsill biex jamministrah. Is-Sur Micallef fakkru li kien sar id-dawl fit-taraġ ta' Triq ta' Mulejja mill-Kunsill. Is-Sindku rrisponda li anke f'Fontanella Gardens, għad li mhux tal-Kunsill u meta hu stess kien Kunsillier kien sar id-dawl. Is-Sur Micallef irrisponda u caħad li hu kien kunsillier meta dan sar. Is-Sur Micallef qal li mhux problema għalih jekk ma jridx li jsiru dawn il-*pots* għax hu l-intenzjoni tiegħu hi biex isebbaħ dan it-taraġ. Is-Sur Mercieca qal li l-anqas iż-zuntier ma hu tal-Kunsill u li fuq proposta tas-Sindku kienu ser isiru l-*pots* avolja hu jaqbel li għandhom isiru. Is-Sindku qal li jekk hemm xi oġġezzjoni ma jsirux. Is-Sindku qal li jekk dan it-taraġ jiġi amministrat mill-Kunsill, l-kamra li hemm taħtu għandha tgħaddi lil Kunsill. Is-Sur Micallef qal li hu kull ma talab biex isiru l-*pots* peress li fl-opinjoni tiegħu t-taraġ hu



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Sular taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 Fax: 21562555

pubbliku. Is-Sindku qal li jekk isiru l-*pots* ikunu tal-ġebel. Il-membri qablu li għandha issir talba lil Awtoritajiet konċernati jekk dan it-taraġ hux privat jew le u s-Sindku talab lis-Seg. Eżekuttiv tinforma lid-Dipartiment ta' l-Artijiet li l-kamra ta' taħt it-taraġ tinsab ikkaparata għand terzi persuni. Is-Sur Micallef qal li hu jkun l-ewwel wieħed li jappoġġja li ma jsir xejn fil-privat. Is-Sur Mercieca ma jaqbilx li l-Kunsill għandu jitlob biex isir jaf li hemm kamra għalkemm kemm hu kif ukoll is-Sur Micallef qalu li ma jafux li hemm kamra taħtu. Is-Sur Micallef qal li b'dan l-argument kollu l-Kunsill waħħal it-tabella 'Merħba Fontana' fil-privat. Is-Sindku rrisponda li jista' jkun dan ukoll u kompla jgħid li jekk jirriżulta li dan hu tal-privat l-Kunsill jaqla' din it-tabella u titwaħħal fil-ġenb x'ħin issir it-triq. Is-Sindku qal li hu issa ittenda li hemm kamra ikkaparata minn terzi persuni. Is-Sindku qal li hemm dizlivell 39 cm bejn il-wiċċ tal-bankina tat-taraġ u t-triq u għalhekk it-tarag mhux mibni skond il-livelli tat-triq. Il-membri qablu li jekk jiriżulta li dan it-taraġ hu pubbliku l-*pots* isiru tal-ġebel bħal kumplament tat-triq.

3. <u>Mozzjoni</u>

Mozzjoni Nru 10 (Dok A). Is-Seg. Eżekuttiv qrat il-mozzjoni fil-preżenza tal-Kunsilliera liema mozzjoni ġiet imressqa mis-Sindku u ssekondata mis-Sur Carmel Farrugia.

Is-Sindku nforma lil preżenti li ressaq din il-mozzjoni peress li hemm ċans li l-Kunsill jieħu fondi f'dan ir-rigward. Is-Sur Mercieca qal li hu jaqbel ma din il-mozzjoni iżda ma jaqbilx li jsiru *porfido* peress li ħafna minn dawn l-isqaqien jidħlu bl-inġenji ġo fihom u għalhekk għandhom isiru bħat-tnejn li diġa hemm lesti jiġifieri *stencil*. Is-Sindku qal li l-*porfido* hu ta' iktar preġju u tista' tieħu eżempju minn Triq San Gużepp fir-Rabat Għawdex imbasta jkun imqiegħed sew. Għalhekk is-Sur Mercieca ipropona li għandhom jiġu miksija wkoll iż-żewġ sqaqien li huma diġa miksija halli jkunu bħal l-oħrajn. Is-Sur Mercieca qal li meta flimkien mal-perit isemmiet li l-bejt taċ-Ċentru Ċiviku jinkesa bil-*porfido*, l-Perit qal li jista' jsir hekk imbasta ma jitilgħewx inġenji biex titranġa l-Knisja u għalhekk qal hekk. Is-Sindku qal li jekk titpoġġa sodda tal-konkos sew taħt il-*porfido* għandhom jiġu sew. Is-Sur Micallef staqsa lis-Sindku taħt liema programm operazzjonali kien bi ħsiebu japplika għal dawn it-toroq. Is-Sindku wieġeb li għandhom joħorġu għax ra avviż fuq il-gazzetta u ser ikun hemm ukoll fondi tal-LEADER. Is-Sur Micallef informa lis-Sindku li hu għamel xi riċerka u ċċekkja mal-MEUSAC iżda dawn infurmawh li ta' l-ERDF jridu jkunu proġetti kapitali u li forsi jistgħu jidħlu l-isqaqien. Is-Sur Micallef staqsa kif ser ikunu ko-finanzjati iżda s-Sindku infurmah li għadu ma jafx f'dan ir-rigward iżda jaf biss li dawn iservu sa l-2020. Is-Sur Micallef staqsa lis-Sindku liema huma l-isqaqien li

qed jipproponi li jsiru u s-Sindku wieġbu li jsiru l-isqaqien kollha inkluż Trejqet ix-Xagħri u taħt ir-*railing*. Is-Sur Micallef staqsa jekk il-Kunsill kienx bi ħsiebu japplika għal-isqaqien kollha flimkien, is-Sindku wieġeb li jkun għaqli li napplikaw għal kollox flimkien. Is-Sur Micallef staqsa lis-Sindku għandux xi indikazzjoni ta' kemm ser jiġi jiswa dan il-proġett iżda s-Sindku qal li irid jitqabbad perit biex jagħti stima ta' kemm jiġu jiswew. Is-Sur Micallef wieġeb li hu ġie preparat għax qabbad Perit hu personali li tħallas minnu stess fejn taħ stima kemm dawn jiġu jiswew biex ikollu indikazzjoni ċara. Is-Seg. Eżekuttiv staqsiet lil preżenti jekk il-Kunsill japplika għal dawn il-fondi jitqabbadx *project manager* biex japplika u l-membri qablu f'dan ir-rigward. Il-membri qablu unanimament ukoll fuq din il-mozzjoni iżda dan skond kemm ser ikun *co-financed* mill-EU.

4. <u>Ħruġ ta' l-offerta għall-ġbir ta' skart goff</u>

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li irċeviet *emejl* minngħand il-Public Cleansing Section fejn il-Kunsill ġie mgħarraf sabiex joħroġ offerta għal ġbir ta' skart goff peress li l-Kuntratt ilu li skada u m'għandhom biżżejjed riżorsi umani sabiex jibqgħu jagħmlu dan ix-xogħol. Is-Sur Micallef qal li din l-emejl intbgħatet lil kull Kunsill li kien jingħata servizz mill-Public Cleansing Section. Is-Sur Micallef qal li hu importanti li sakemm tingħata l-offerta l-ġdida għandu jibqa' jingħata s-servizz mill-Public Cleansing Section. Is-Seg. Eżekuttiv ħejjiet *draft* għal din l-offerta. Is-Sindku ippropona li prezz għal ġbir ta' l-offerta għandu jkun ta' €20. Is-Sindku qal li għandha tkun ċara l-kwantita' ta' skart goff li ser jinġabar peress li l-prezz hu għal kull kollezzjoni. Is-Seg. Eżekuttiv ser tagħmel ktieb bi tlett kopji fejn kopja tinżamm mill-Kuntrattur, kopja għal Kunsill u kopja għar-resident sabiex kemm jista' jkun ma jkunx hemm abbuż mill-Kuntrattur.

5. <u>Tindif u ribilitazzjoni ta' parti mill-Wied tax-Xlendi</u>

5.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-permess għat-tindif ta' parti mill-Wied tax-Xlendi ħareġ fit-28 t'April 2015. Il-Perit informa lis-Seg. Eżekuttiv illi hu ser jieħu ħsieb sabiex il-garanzija tiġi trasferita minn fuq PA/0423/06 għal fuq PA/00085/15. Il-Kumpanija Eco Serv għamlet DPA *permit* mal-MEPA sabiex jingħataw iż-żmien ta' meta jistgħu jinqabdu l-granċijiet ta' l-ilma ħelu. Dan id-DPA *permit* ħareġ fil-5 ta' Mejju 2015 iżda l-Eco Serv għadu qed jistenna mill-MEPA sabiex jingħataw ir-*release sites* għal granċijiet. Riċentament waslet korrispondenza l-Kunsill fejn l-Kunsill ġie infurmat kif l-Eco Serv qed jipproponu li jinħadem it-tindif tal-Wied inkluż it-tfittxija għal granċijiet. Is-Sindku qal li biex jinbena l-ħajt tas-sejjieħ l-Kunsill għandu bżonn iġib il-permess ta' sid l-għalqa peress li l-kuntrattur jista' jkollu bżonn jidħol mill-għalqa privata. Is-Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Faxi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mġarr
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 Fax: 21562555

informat lil preżenti illi l-Perit qallilha li aktarx ma jkollhomx bżonn jidħlu mill-għalqa tal-privat. Is-Sindku ma qabilx ma dan u talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tavviċina lis-sid għal permess li l-Kunsill jitħalla jidħol ġo l-għalqa tiegħu peress li jrid jinbena l-ħajt tas-sejjiegħ minn ġo l-għalqa. Is-Sur Micallef qal li l-Kunsill għandu jinforma lil Kuntrattur bil-proposta ta' l-Eco Serv. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li ma tistax tagħmel dan peress li għadu ma ġiex iffirmat il-Kuntratt ta' Ftehim mal-Kuntrattur, s-Sur Joe Cauchi. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi xorta hemm bżonn li jiġi ffirmat il-kuntratt peress li l-kuntrattur irid jiffirma l-*commencement notice* li trid tintbgħat lil MEPA ħamest ijiem qabel jinbeda' ix-xogħol. Is-Sindku staqsa jekk il-Perit u l-Eco Serv humiex ser jagħtu garanzija lil Kunsill li l-MEPA ser jagħtuhom ir-*released sites* sat-2 ta' Ġunju jiġifieri sa meta l-Eco Serv qed jipproponu li jinbeda' x-xogħol ta' qtugħ ta' qasab u tfittxija tal-granċijiet. Is-Sindku ma jaqbilx li jiġi ffirmat kuntratt fejn l-kuntrattur ikun obbligat li jibda' x-xogħol f'ċertu dati imbagħad minħabba l-MEPA ma jkunx jista' jibda. Is-Seg. Eżekuttiv li fil-ftehim tal-kuntratt ma jkunx hemm imniżżla dati ta' meta l-Kuntrattur għandu jibda' għax dawk ikunu fl-offerta li ġiet mgħotija lilu diġa s-sena li għaddiet. Is-Sur Micallef sostna li għandu jiġi ffirmat il-kuntratt minnufih sabiex ikun jista' jingħata bidu għal dan ix-xogħol u l-Kuntrattur ikun jaf minn qabel sabiex ikun jista' jagħmel il-pjanijiet tiegħu. Kompla jgħid ukoll li importanti li l-Eco Serv flimkien mal-Kuntrattur iridu jaqblu li fit-2 ta' Ġunju 2015 ser jingħata bidu għax-xogħol. Is-Sindku propona li l-ewwel ġurnata għandha tkun id-9 ta' Ġunju u li wara li jiġi iffimat l-kuntratt nibgħatu l-*commencement notice* u għalhekk jinbeda' ix-xogħol fid-9 ta' Ġunju. Is-Sur Micallef qal li ma jistax jifhem għaliex ma jridx li jiġi ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur Joe Cauchi meta ma l-Eco Serv diġa hu ffirmat u ġie iffirmat fi żmien is-Seg. Eżekuttiv preċedenti. Is-Sur Micallef sostna li għada stess għandu jiġi ffirmat il-kuntratt. Il-membri qablu li qabel il-festa ma jinbeda' l-ebda xogħol ta' taħmil hlief il-qtuħ tal-qasab u għalhekk il-kuntratt għandu jiġi ffirmat bejn il-Kuntrattur, is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv. Is-Sindku sostna li importanti li l-Kunsill ma jiġix marbut mal-Kuntrattur fuq id-dati li jrid jinbeda' u s-sid ta' l-għalqa jiġi infurmat li l-Kunsill ser juża l-għalqa tiegħu. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li l-Perit ġibdilha l-attenzjoni sabiex il-kuntratt mal-kuntrattur Joe Cauchi ma jiġix iffirmat għalissa iżda l-membri ma qablux ma dan peress li din għandha tkun deċiżjoni tal-Kunsill.

6. Korrispondenza

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi waslet din il-korrispondenza:



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

6.1 Kopja ta' Avviż ta' infurzar mill-MEPA rigward *planter* tal-ġebel tal-franka il-barra mill-linja uffiċċjali tal-bini fi Triq ta' Mulejja lis-Sur Maurice Zammit b'multa mieghu jekk ma jitneħħiex. Din ħarġet wara talba mill-Kunsill.

6.2 Emejl minn għand Patsy Chetcuti rigward produzzjoni interattiva b'logħob antik bħal passju u ħafna logħob ieħor. Il-prezz għal dan hu ta' €600.

6.3 Ittra minn għand Transport Malta fejn il-Kunsill ġie infurmat li ma saret l-ebda talba uffiċċjali sabiex Triq Mons Luigi Vella fir-Rabat tingħalaq għat-traffiku. Il-Viċi Sindku qal li hu kien mar l-uffiċċju ta' Transport Malta biex jistaqsi f'dan ir-rigward u ġie infurmat li din mhix ser tingħalaq għat-traffiku.

6.4 Emejl minngħand l-*Europe Direct* rigward seminar ta' l-ERAMUS+ programm ta' l-EU għaż-żgħażagħ fit-2 ta' Ġunju 2015 fl-10.00am. Il-membri qablu li għandhom jinformaw b'dan liż-żgħażagħ li applikaw għal Kunsill taż-żgħażagħ. L-ambaxxatur Lokali informa lil preżenti li diffiċċli li jattendu għal din il-laqgħa peress li dak in-nhar ser jibdew l-eżamijiet.

6.5 Il-Kunsill irċieva l-*management letter* u l-*financial statements* minngħand in-*National Audit Office* fejn il-Kunsill irid jirrispondi l-*management letter* fi żmien sitt ġimgħat. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi l-*accountant* qed jipprepara *draft* tar-risposta tal-Kunsill. Is-Sindku informa lis-Seg. Eżekuttiv li trid tagħmel laqgħa urġenti biex tiġi approvata u ffirmata r-risposta peress li meta ssir il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, is-sitt ġimgħat ikunu għaddew.

6.6 Waslet emejl minn għand Michael Bongailas rigward għajnuna finanzjarja li qed jitlob lil Kunsill sabiex jieħu sehem f'kompetizzjoni 'Full Iron Man Competition' li ser issir fil-Canada f'Awwissu 2016. Għal dan il-għan qed jitlob għajnuna ta' €950 għat-titjira u €600 biex jidħol f'din il-kompetizzjoni. Il-Viċi Sindku jaqbel li jingħata l-għajnuna peress li dan jagħmel unur lil lokalita'. Is-Sur Mercieca ippropona li għalinqas jingħata nofs l-ispejjes. Is-Sur Micallef jaqbel ukoll li jingħata għajnuna peress li hi kompetizzjoni internazzjonali imbasta l-Kunsill ikun qed jimxi mal-liġi. Is-Sindku staqsa jekk tiġi xi persuna oħra għal xi tip ta' għajnjuna xi tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Micallef irrisponda li meta jkollna xi talba oħra l-Kunsill jiddeċiedi dak in-nhar. Is-Sindku ma qabilx li jingħata din it-tip ta'


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Sular tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 - Fax: 21562555

għajnuna peress li hu ammont wisq kbir. Is-Sur Micallef qal li l-Kunsill għandu fondi biżżejjed biex joffri din it-tip ta' għajnuna iżda s-Sindku sostna li kien hemm Sindku li kellu jirriżenja minħabba li ma kienx għad baqalu fondi biżżejjed. Is-Sur Micallef qallu li l-Kunsill għandu fondi biżżejjed u għalhekk għandu jingħata l-għajnuna. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu fondi biżżejjed peress li kien hemm Gvern Nazzjonalista li taħtu l-Kunsill kull meta applika għal xi skema dejjem ikwalifika għal kuntrarju tal-lum peress li l-Kunsill taħt dan il-Gvern l-Kunsill ma kkwalifika għal ebda' skema. Is-Sur Micallef qal li dan ma għandu x'jaqsam xejn u wieġeb li t-*trench* ta' l-allokazzjoni xorta qed tidħol inutli kienx Gvern A jew B u li għandu argument banali. Is-Sindku qal li ma ingħatajna ebda' skema ta' għajnuna li applika għalihom dan il-Kunsill taħt dan il-Gvern inkluż l-Festival tan-Nar ta' l-Art u l-isqaq tal-Mitħna ta' Randu. Is-Sur Micallef qal li meta kien hawn Ministru ieħor fil-Gvern preċedenti kien informa lil Kunsill li l-Kunsill ma jikkwalifikax iżda xorta kien informa lil Kunsill biex japplika u fil-fatt il-Kunsill kien ingħata. Is-Sur Micallef fakkar lis-Sindku li s-Seg. Eżekuttiv kienet staqsiet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk kienux inbidlu l-linji gwida biex Kunsill ikun jista' jikwalifika u s-Seg. Eżekuttiv ġiet infurmata li l-affarijiet ma nbidlux. Is-Sur Micallef qal li l-punt tiegħu hu li is-Sur Bongailas jiġi mgħoti l-għajnuna peress li ser jagħmel unur lil Kunsill imbasta ma jingħatax flus kontanti. Is-Sindku ma jaqbilx li jingħata l-fondi kollha li ġie mitlub iżda jaqbel li ngħinuh billi noffru s-somma ta' €500. Il-Viċi Sindku u s-Sur Micallef fakkru lis-Sindku li kien hemm qbil li jiġi mgħoti l-għajnuna u li għadu ma ġiex deċiż x'għandha tkun is-somma. Is-Sur Farrugia qabel ukoll li għandu jiġi offrut l-għajnuna. Is-Sindku qal li hu fehem li nagħtuh l-fondi kollha li talab. Is-Sur Micallef iħoss li l-Kunsill għandu jħallas għal kompetizzjoni li tiswa' €600. Il-membri qablu mas-suġġeriment tas-Sur Micallef.

6.7 Ittra minngħand il-Ministeru għal Għawdex rigward Milied 2015. Is-Sindku qara l-ittra peress li rċeviha hu. Is-Sur Micallef ippropona li l-Kunsill għandu jitkellem mal-Kappillan sabiex il-Kunsill jara l-Parroċċa x'ser tagħmel. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li dan ma ġiex imniżżel fil-*budget* u għalhekk il-Kunsill irid joqgħod attent meta jiġi biex jagħmel dawn it-tipi ta' attivitajiet. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jitkellem mal-Paroċċa f'dan ir-rigward bil-proposti tagħhom.

7. <u>Approvazzjoni ta' Kontijiet</u>

Skeda Nru 26 tal-ħlasijiet ġiet approvata u ffirmata mill-membri preżenti.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 - Fax: 21562555

8. Materji Oħra

8.1 Is-Seg. Eżekuttiv bgħatet korrispondenza lil Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex jiġu *refunded* €1750 pagamenti imħallsin żejda mill-Kunsill għal Sit C u Sit A fi Triq il-Għajn peress li fis-snin preċedenti tħallsu doppji u skond il-kuntratt ta' ftehim l-Kunsill suppost iħallas €350 fis-sena għaż-żewġ siti ma xulxin (it-tieni fażi taċ-ċentru ċiviku) u dan wara li ġie vverifikat il-kuntratt tat-tieni devoluzzjoni mis-Sindku. Is-Sindku qal li fi żmien is-Seg. Eżekuttiv preċedenti kienet ġiet invoice biex jitħallas l-ammont ta' €1,400 li hu l-istess ammont ta' l-ewwel devoluzzjoni iżda kienet ta' sit C tat-tieni devoluzzjoni li hija dik il-biċċa art żgħira bejn is-Sala tal-Kommunita' u l-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn. Dan meta sit C hija fil-kuntratt tat-tieni devoluzzjoni li l-ħlas hu €350 tal-fond 191 fi Triq il-Għajn u sit C fi Triq ta' Mulejja. Is-Sur Micallef propona u l-membri qablu li jekk ma ningħatawx lura dawn il-fondi ma jitħallsux is-sena d-dieħla. Is-Sindku nforma lil preżenti li l-*lease agreement* ta' l-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku u l-*playing field* ilu mitluf u kienet reġgħet inġibet kopja u ntilfet ukoll fi żmien segretarji preċedenti.

8.2 Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni b'korrispondenza iffirmata mill-Kuntrattur Jason Gauci, il-kuntrattur li qed jibni il-ħajt fi Triq John Gaspard le Marchant, biex is-sit jiġi imdawwar b'*boundary* protettiv peress li hemm perikolu li l-pubbliku jaċċedi fuq dan is-sit ta' kostruzzjoni. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-Perit reġa' qed jistenna mill-MEPA il-linja tal-bini peress li l-Kuntrattur meta ħammel waqqa' il-marka tal-MEPA. Is-Sur Micallef qal li meta kien qed isir it-tahmil tal-ħajt ġibed l-attenzjoni tas-Seg. Eżekuttiv fejn informha dak in-nhar stess li waqgħet ġebla fi Triq Santa Dminka u faqa il-ħajt tat-tarag. Is-Sindku propona li jiġi mogħti żmien sal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill sabiex dan il-ħajt jitlesta. Is-Sur Micallef qabel mal-proposta tas-Sindku u qal li għandu jingħatalu bil-miktub. Is-Sindku qal li il-Perit ser iħejji rapport bil-miktub dwar dak li ġara. Is-Sur Micallef qal li l-Perit dan għandu jagħtijulna bil-miktub. Is-Sur Micallef staqsa jekk il-MEPA jibqgħu ma jmorrux jagħtu l-linja x'għandha tkun l-pożizzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Mercieca qal li l-linja tal-MEPA, l-Kuntrattur għandu d-dmir li jħarisha. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li ukoll saret applikazzjoni u pagament ta' €40 lil ARMS Ltd għal *deviation of aerial lines* sabiex ikun jista' jinbena il-ħajt iżda għad li ċemplet lil Enemalta għal kemm il-darba dan l-arblu tad-dawl għadu ma tneħħiex. Is-Sur Farrugia qal li l-Enemalta ma tistax taqbad u tmur taqla' l-arblu tad-dawl peress li trid tidħol Transport Malta. Is-Sur Micallef offra l-


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 Fax: 21562555

għajnuna tiegħu f'dan ir-rigward u ser jikkuntatja lil Enemalta hu u wkoll ikellem lil sid l-għalqa sabiex jinġieb il-permess tiegħu li dan l-arblu jkun jista' jitwaħħal ma ġenb il-ħajt fl-għalqa tiegħu biex ma jkunx fil-ħajt li ser jinbena.

8.3 Ilment minngħand xi residenti ta' Triq l-Isptar San Giljan fejn qed jilmentaw illi l-boroz ta' l-iskart domestiku qed jitpoġġew minn xi residenti wara l-bibien ta' ħaddieħor. Is-Sur Micallef ippropona u l-membri qablu li għandha tintbgħat ittra lir-residenti tal-lokalita' tal-Fontana kollha f'dan ir-rigward. Il-membri qablu li jintbgħat avviż tal-ġbir tal-ħġieg u meta jingħata s-servizz tal-ġbir ta' skart domestiku u ta' l-iskart separat. Is-Sur Mercieca propona wkoll li għandhom jitniżżlu l-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart domestiku u tiġi miġbuda l-attenzjoni tal-Kuntrattur peress li minn Triq il-Kappillan Hili qed ikun għaddej fid-8.45am meta suppost jibda' s-servizz fid-9.00am. Il-Viċi Sindku ikkonferma dan. Il-membri qablu li għandu jiġi infurmat il-kuntrattur.

8.4 Ilment sabiex jinżabru s-siġar tal-palm fil-belveder ta' Triq ta' Mulejja, jinbidlu l-qsari peress li huma miksura u teħel tabella tal-ħmieġ tal-klieb. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-*porfido* għandu it-taqtir taż-żejt fuqu kif ukoll il-marki tar-roti tal-karozzi. Is-Sindku qal li hu għalhekk li l-*pot* tal-qsari tkissret u għalhekk jipproponi li jitneħħew jew jitressqu l-barra mill-gradi. Is-Sur Micallef qal li ma jaqbilx li jitneħħew il-qsari u propona li jsiru *bollards* bir-*reflectors* biex ikunu jidhru sew, ikunu żgħar u puliti u li jkunu jinqalgħu. Is-Sur Mercieca staqsa meta ser isir iż-żbir tas-siġar tal-palm u s-Sindku infurmah li ser jinżabru. Is-Sindku informa lil preżenti anke minn Wied Siekel qed jgħaddu l-karozzi għad li żdiedet *bollard* oħra. Is-Sindku qal li hemm bżonn il-Kunsill jagħmel *bye law* imbasta min għandu l-egħlieqi hemm ikun jista' jgħaddi. Is-Sindku propona li minn fejn qed jgħaddu tiżdied *bollard* oħra. Il-membri qablu ma dan.

8.5 Ilment minn għand Ester Sacco ta' 1, Triq Wied Siekel fejn preżentat ritratt fejn qed tipproponi li titkompla bankina ġdida ma dik eżistenti u l-isfel mill-bankina issir rampa żgħira. Is-Sindku informa lil preżenti li ma jridx li jkun parti minn din id-diskussjoni u għalhekk iddikjara konflitt ta' nteress. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jiccekja mal-Perit tal-Kunsill jekk tistax issir bankina minħabba l-wisa tat-triq. Is-Sur Micallef qal hu ma jsibx oġġezzjoni sabiex titbaxxa l-bankina u jekk tagħmel xi ostaklu fit-triq tinġibdilha l-attenzjoni. Is-Sur Mercieca qal li jekk titbaxxa l-bankina aktarx tkun aktar problema għas-sid biex



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Sular taċ-Centru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Bay

tidħol fil-garaxx. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jkellem lil Perit f'dan ir-rigward.

8.6 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li meta l-ħaddiem tal-Kunsill ħasel il-pannelli votovoltajiċi innota li kien hemm tlett pannelli imtaqbin b'xi daqqa ta' ġebla u b'konsegwenza daħal xi ilma ġo fihom. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet ir-*reading* ta' ġurnata fejn infurmat lil preżenti li f'ġurnata xemxija għamlu 20 *unit*. Is-Sindku staqsa jekk dawn humiex imdaħħla fl-*insurance*. Il-membri qablu li l-Kunsill ikellem lil engineer Mario Galea u jara hux qed issir xi ħsara. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li s-*Solar Engineering* kienu avviċinaw lil Kunsill biex jagħmlu *service* lil dawn il-pannelli li jiswa €60 u meta talbithom bil-miktub biex jagħtuha spjegazzjoni x'jinvolvi dan is-*service* baqgħet bla risposta. Is-Sur Micallef u s-Sindku proponew li jiġi avviċinat f'dan ir-rigward l-Eng. Mario Galea peress li hu kien l-Enġineer li ċċertifika dan ix-xogħol u mhux ideali li jġħatu l-opinjoni tagħhom is-*Solar Engineering* f'dan ir-rigward. Il-membri qablu.

8.7 Is-Seg. Eżekuttiv ġiet avviċinata minn Ray Abela tat-TCTC sabiex jiġu mislufa lilu għal xahar iż-żewġ standardi tal-Kunsill bil-bandiera ta' l-Ewropa u ta' Malta. Is-Sur Micallef qal li għalih mhux problema li jiġu mislufa u s-Sur Mercieca qal li hu jaqbel mas-Sur Micallef imbasta jingħataw lura lil Kunsill jekk f'dan iż-żmien jiġu bżonnhom. Is-Sur Micallef kompla jghid li meta l-Kunsill ma kellux hu ukoll kien issellifhom minn għand ħaddieħor. Għalhekk fuq proposta tas-Sindku il-membri qablu li l-Kunsill għandu jitlob lit-TCTC biex jixtri l-bandiera ta' Malta hu bħala turiha ta' apprezzament li dawn l-istandardi ġew mislufa lilu.

8.8 Is-Seg. Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tixtri *desk* oħra għall-iskrivana sabiex id-*desks* ta' l-uffiċċju jkunu pariġġ. Il-membri qablu ma dan peress li l-uffiċċju hu tagħha.

8.9 Is-Seg. Eżekuttiv talbet il-permess tal-membri tal-Kunsill sabiex iġġib stima għal boxla ta' l-*aluminium* bil-ħġieġ *double glazing* għal uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sur Micallef qal li hu ferm importanti li l-bieb ma jkunx jinfetaħ il-barra. Il-Viċi Sindku qabel mas-Sur Micallef. Il-membri qablu li għandhom jinġiebu l-istimi ta' din il-boxla.

*Mis-Sindku*

8.10 Sabiex il-Kunsill jerġa' jitlob lid-Direttur Proġetti u Żvilupp sabiex isir ir-*railing* ta' Trejqet ix-Xagħri u sabiex jerġa' jinbena l-ħajt tas-sejjiegħ



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Sular taċ-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 Fax. 21562555

l-isfel mill-Għajn li tkisser waqt il-bini ta' Triq ix-Xlendi. Il-membri qablu ma dan.

8.11 Is-Sindku informa lil preżenti li intbgħat ħaddiem tal-Kunsill biex jinqata' il-ħaxix ta' Wied Siekel.

8.12 Informa wkoll lil preżenti li nbiddlu żewġ *bins* fi Triq John Gaspard le Marchant u l-oħrajn inżebgħu mill-ġdid mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.13 Infetħet parti minn Triq ir-Repubblika għalkemm li xorta għad baqa' ħafna traffiku f'parti minn Triq il-Għajn u Triq Kappillan Hili. Is-Sur Micallef qal li anzi naqas ħafna t-traffiku mill-Fontana speċjalment fil-għodu. Is-Sur Micallef propona li tintbgħat ittra lil Kunsill tar-Rabat biex fi Pjazza Savina isir *double yellow line* quddiem il-ħanut ta' Portelli halli t-traffiku ma jieqafx hemm u għalhekk it-traffiku jkompli għaddej sabiex jitnaqqas l-influss tat-traffiku mill-Fontana.

8.14 Is-Sindku staqsa x'ser isir rigward it-tindif/knis tal-Festa. Il-membri qablu li jiġu mqabbda l-ħaddiema tal-Kunsill u jingħataw it-*time off*.

8.15 Is-Sindku propona li jerġa jsir bukkett f'isem il-Kunsill tal-Festa bħas-snin l-imgħoddija. Il-membri qablu.

8.16 Is-Sindku propona li jsir iż-żebgħa mill-ġdid tas-sinjali tat-toroq fi Triq il-Kappillan Hili iżda jinżebgħu mill-ħaddiema tal-gvern u l-Kunsill jipprovdi ż-żebgħa. Il-membri qablu li s-Sur Micallef għandu jieħu ħsieb jitlob lil Ministeru sabiex jintbgħatu l-ħaddiema tiegħu u li dan ix-xogħol jitlesta sal-festa. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tieħu l-karigu li jitneħħa l-parkeġġ.

8.17 Is-Sindku staqsa lis-Sur Micallef jekk hux veru li ħarġet l-offerta għal kisi mill-ġdid bit-tarmac ta' Triq L-Isptar San Giljan. Is-Sur Micallef wieġeb li kien ser isemmiha x'hin kien imissu li jitkellem u li hu kollu minnu dak li qed jgħid is-Sindku. Is-Sur Micallef kompla jgħid li din l-offerta ser tagħlaq fit-23 ta' Ġunju 2015. Is-Sur Micallef qal li fuq din ilu jitħabat sentejn sħaħ peress li sab ħafna intoppi. Is-Sindku qabel miegħu peress li sema li s-Sur Micallef kien ha saħna meta ġiet irtirata l-offerta li kienet diġa ħarġet. Is-Sur Micallef wieġbu li milli jidher għandu informazzjoni minn ġol-Ministeru u li s-saħna ħada fl-interess tal-lokalita'. Is Sur Mercieca ma jaqbilx li ssir fix-xitwa minħabba x-xita anzi jitlob li s'Ottubru tkun lesta. Is-Sindku qal li dan skond il-proċess kemm idum biex isir. Is-Sur Micallef informa lil preżenti li ser iżomm lil Kunsill infurmat b'kollox.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Sular taċ-Centru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 Fax: 21562555

8.18 Sabiex issir l-ikla għal-anzjani li jgħixu weħedhom fil-Jum tal-Festa fl-14 ta' Ġunju 2015 u tiġi ordnata minn għand il-Kareplus bħal ma sar fil-Milied.

8.19 Sabiex il-Kunsill jerġa joħroġ il-fuljett ' Taghrif mill-Kunsill'. Il-membri qablu.

8.20 Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill qadx irċieva risposta minn għand id-Direttur ta' l-Eco Gozo rigward l-ittra li kien kiteb il-Kunsill biex il-Kunsill jingħata l-fondi li baqa' pendenti għat-tindif tal-Wied tax-Xlendi. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li qatt ma rċieviet risposta. Is-Sindku qal li fi programm televiżiv Ghawdex illum semgħa lid-Direttur ta' l-Eco Gozo jgħid li fil-Wied ta' Marsalforn intefqu €225,000 mill-fondi ta' l-Eco Gozo. Il-membri qablu fuq proposta tas-Sindku li l-Kunsill għandu jerġa jikteb rigward dawn il-fondi li kien ġie approvat li jingħata lil Kunsill fuq it-tindif tal-Wied tax-Xlendi.

8.21 Is-Sindku staqsa jekk qatx il-Kunsill ircevejna risposta fuq it-tweġiba tal-Kunsill fejn kien laqa' it-talba tas-Sur Cassar f'Diċembru li għadda minn għand l-Avukat ta' Anthony Cassar rigward iċ-ċentru Ċiviku peress li issa qed joqrob iż-żmien li tingħata s-sentenza. Illum is-Sindku attenda għal seduta oħra tal-qorti li ġiet aġġornata għas-26 ta' Ġunju fejn għandha tersaq għas-sottomissjonijiet ta' l-Avkat tas-Sur Cassar. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li qatt ma rċieviet risposta. Il-membri qablu li jibdew il-proċeduri u l-Kunsill ikompli jmexxi bil-qorti.

8.22 Is-Sindku propona li ssir tabella li turi xogħol mill-Kunsill. Il-membri qablu u s-Sur Micallef propona li din għandha teħel ma kanna u tinqala' meta jkun hemm bżonn.

8.23 Rigward il-ħarġa li kien propona biex issir għal Festival tal-Ħalib fil-Għargur, s-Sindku nforma lil preżenti li dan il-Festival ma sarx u għalhekk ma saritx din il-ħarġa. Is-Sindku għalhekk ippropona li ssir ħarġa fl-20 ta' Ġunju lejliet il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba. Is-Sur Micallef propona wkoll li ssir harġa oħra matul il-ġurnata peress li ġie avviċinat minn xi residenti. Il-membri qablu.

8.24 Rigward il-laqgħa ta' Transport Malta tal-Linja Card is-Sindku ma jistax jattendi peress li skond id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma jistax jingħata permess mid-Direttur tiegħu. Is-Sur Micallef qallu li hu meta jkun irid jattendi xi laqgħa importanti f'isem il-Kunsill u ma jingħatax permess jattendi u jieħu mill-*leave* tiegħu stess u talab lis-Sindku biex jagħmel l-istess taħt dawn iċ-ċirkustanzi. Is-Sur Micallef informa li hu ser ikun


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Centru Civiku
Triq ta' Mlejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 Fax: 21562555

preżenti għal din il-laqgħa minn naħa ta' Ministeru peress li ser jitħabbru r-rottot il-ġodda. Is-Sindku qal li din kien ser isemmiha iżda għadu mhux ċert jekk hux ser tiżdied ir-rotta mill-Fontana lejn ix-Xlendi u lura.

8.25 Rigward l-istqarrija tal-mozzjoni li s-Sur Micallef kien bgħat lir-residenti is-Sindku informa lis-Sur Micallef biex darb'oħra ma jibgħatlux id-dar tiegħu kopja ta' l-istqarrija. Is-Sur Micallef qal li waqt l-aħħar laqgħa informa lil Kunsill x'ser jagħmel u għalhekk ma għamel xejn minn wara dahar il-Kunsill. Is-Sindku informa lis-Sur Micallef li kien ġie avviċinat mill-Kappillan fejn dan informah li bħala parroċċa m'għandiex x'taqsam mal-proposta tas-Sur Micallef u l-Paroċċa ma kienitx ġiet infurmata b'din il-proposta. Is-Sur Micallef qal li hu ser jinforma lil Kappillan li din il-mozzjoni kienet fl-Agenda minn qabel u seta' raħa u jħoss li ħaġa bħal din messu kellem lilu u mhux lis-Sindku.

8.26 Is-Sindku propona li għandhom jinxtraw imwejjed minħabba l-korsijiet tal-*lifelong learning* anke minħabba l-wirja li ssir f'Jum il-Fontana. Is-Sur Micallef propona li jinxtraw *benkwitting tables* biex ikunu jistgħu jinġabru puliti. Il-membri qablu.

8.27 Rigward Festa Tfal is-Sindku propona li s-Seg. Eżekuttiv għandha tikkomunika mal-Kappillan jekk għandux bżonn il-PA System.

8.28 Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-Perit rigward it-tkomplija tal-bejt taċ-Ċentru Ċiviku u l-Perit għadu ma għamel xejn f'dan ir-rigward. Is-Sur Micallef qal li din kien ser isemmiha peress li qegħdin fir-raba' sena u għadu ma sarx u hemm il-perikolu minħabba d-diżlivell waqt li l-Perit kien informa lil Kunsill li sal-laqgħa tal-lum kellu jibgħat l-*ispecifications*. Is-Sindku qal li peress li kien hemm l-appell ma setgħa jsir xejn. Is-Sur Mercieca qal li la mhux ser issir sal-Festa għandha titħalla wara Settembru peress li l-bejt tal-konkos ikun moħmi bix-xemx. Is-Sindku propona li toħroġ kwotazzjoni mill-aktar fis possibli u norbtu biż-żmien lil Perit biex jibgħat l-*ispecifications*. Is-Sindku propona wkoll biex jibdel ir-*requirements* mal-MEPA li minflok issir *porfido* flok tal-ġebla tal-qawwi. Il-membri qablu.

8.29 Is-Sindku nforma lil preżenti li thawwlu qsari ġodda fi Triq Kardinal Alessandro Franchi u Triq John Gaspard le Marchant.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Sular taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mellejja
Fontana FNT 1110
Tel. 21558877 - Fax: 21562555

Mozzjoni Nru 10

Dok A.

21 ta' Mejju 2015

Segretarju Ezekuttiv
Kunsill Lokali Fontana

Nitlob sabiex din il-mozzjoni titressaq waqt il-laqgħa tal-Kunsill li ser issir fis-27 ta' Mejju 2015.

Tislijiet,

Saviour Borg
Sindku

---

## Mozzjoni

Biex titjieb id-dehra u l-infrastruttura tal-lokalita' tal-Fontana, l-Kunsill għandu japplika mill-fondi li ħerġin ta' l-Unjoni Ewropeja 2014 – 2020 biex is-sqaqien u trejqiet li jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill isiru b'wiċċ tal-*porfido* jew materjali ieħor naturali kif ukoll *street furniture* li jkunu jaqblu mal-ambjent ta' l-inħawi.

Għandha wkoll tiġi mistħarġa l-possibilita' li ssir ir-ribilitazzjoni tal-Wied tas-Saqwi li hu bejn il-konfini tal-Fontana u l-Munxar. Dan isir permezz ta' bini mill-ġdid tal-ħitan tas-sejjiegħ u t-tindif tal-Wied minn materjal u pjanti aljeni bħal ma hija taż-żejt tar-riġnu.

Received 21/5/2015 at 11.45am

S. Borg

Kunsill Lokali Fontana